# L-isfruttament sever tal-ħaddiema: ħaddiema li jiċċaqalqu fi ħdan jew lejn l-Unjoni Ewropea

## Sommarju



*Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tistabbilixxi drittijiet li huma ta' rilevanza partikolari għall-ħaddiema li jiċċaqalqu fi ħdan jew lejn l-UE. L-aktar importanti huma d-dinjità tal-bniedem (Artikolu 1), il-projbizzjoni tal-iskjavitù u tax-xogħol furzat (Artikolu 5), il-libertà li tagħżel okkupazzjoni u dritt għax-xogħol (Artikolu 15), nondiskriminazzjoni (Artikolu 21), id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' impjieg (Artikolu 29), protezzjoni f'każ ta' tkeċċija inġusta (Artikolu 30), kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa (Artikolu 31), il-projbizzjoni ta' tħaddim tat-tfal u protezzjoni taż-żgħażagħ fuq il-post tax-xogħol (Artikolu 32), protezzjoni tal-konsumatur (Artikolu 38), u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust (Artikolu 47).*

L-isfruttament sever tal-ħaddiema barranin huwa komuni, iżda spiss jibqa' inviżibbli. Il-biċċa l-kbira tal-konsumaturi ma humiex konxji li l-prodotti li jixtru minn supermarket jew ħanut, jew is-servizzi li jirċievu f'lukanda jew ristorant, jistgħu jkunu qegħdin jiġu pprovduti minn ħaddiema sfruttati. L-isfruttament iseħħ f'diversi setturi ekonomiċi u jaffettwa gruppi differenti ta' ħaddiema, bħal ma huma ċ-ċittadini mir-Rumanija li jiġbru l-patata fl-Ungerija; nisa minn pajjiżi sub-Saħarjani sfruttati bħala au-pairs fi Franza; irġiel Portugiżi reklutati għall-kostruzzjoni tat-toroq fin-Netherlands; irġiel mill-Korea ta' Fuq jaħdmu bħala ħaddiema bla sengħa f'tarzna ġewwa l-Polonja; u ħaddiema mill-Bangladesh u l-Pakistan li jiġbru l-frott fin-naħa t'isfel tal-Greċja. Dawn l-individwi normalment ikollhom ħaġa komuni li jitħallsu €1 jew ħafna inqas fis-siegħa, jaħdmu 12-il siegħa jew aktar kuljum għal sitt jew seba' darbiet fil-ġimgħa, jinżammu f'kundizzjonijiet ħarxa, u ma jingħatawx vaganzi jew liv minħabba mard.

Id-differenzi ekonomiċi globali kbar u ż-żieda fil-mobbiltà globali jwasslu għal sfruttament sever tal-ħaddiema. Imbuttati mis-sitwazzjoni ekonomika f'pajjiżhom, numru dejjem ikbar ta' nies qegħdin jaħdmu barra mill-pajjiż, u spiss ikunu lesti li jaċċettaw kundizzjonijet tax-xogħol ferm inqas mill-istandards legali lokali, iżda xorta waħda aħjar mill-faqar u l-qgħad li ħarbu minnhom. Iċ-ċaqliq lejn pajjiż ieħor normalment joħloq jew jgħarraq is-sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà ekonomika u soċjali. L-iżolament soċjali li jirriżulta mill-fatt li ma jkunux jafu l-lingwa, ma jkollhom ebda kuntatti barra l-post tax-xogħol u ma jkunux konxji tal-istandards legali lokali jew fejn jistgħu jduru għall-għajnuna jżidu r-riskju ta' sfruttament.

Dan is-sommarju jiddeskrivi fil-qosor is-sejbiet tar-riċerka tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) dwar il-bosta forom kriminali ta' sfruttament sever tal-ħaddiema li ċċaqalqu minn Stat Membru Ewropew għal ieħor jew minn pajjiż terz.

# L-isfruttament sever tal-ħaddiema u l-liġi

L-isfruttamet sever tal-ħaddiema jaffettwa kemm liċ-ċittadini Ewropej kif ukoll dawk mhux Ewropej. Id-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa skont l-Artikolu 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jestendi kemm għaċ-ċittadini Ewropej kif ukoll għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, u jekk ħaddiem ikunx f'sitwazzjoni regolari jew irregolari ta' residenza.

L-"isfruttament sever tal-ħaddiema" jirreferi għal kull forma ta' sfruttament tal-ħaddiema li hija kriminali skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tal-UE fejn isseħħ. Din ir-riċerka tiffoka fuq l-isfruttament fuq il-post tax-xogħol u r-riskji marbutin miegħu. Ma tanalizzax il-proċess tal-ħaddiema li jiċċaqalqu jew qegħdin jiġu mċaqalqa minn pajjiżhom f'sitwazzjoni ta' sfruttament.

L-isfruttament sever tal-ħaddiema mhux dejjem konsegwenza tat-traffikar, li jikkonsisti fit-teħid ta' ċerti azzjonijiet, permezz ta' mezzi illeċiti, għall-fini ta' sfruttament. Lanqas il-vittmi ta' sfruttament bħal dan ma huma bilfors imġiegħla jaħdmu; huma vittmi ta' sfruttament bħal dan għaliex l-esperjenza tax-xogħol tagħhom involviet kundizzjonijiet li huma ferm inqas minn dak li jista' jitqies aċċettabbli bil-liġi.

### STUDJU TAL-KAŻ MAGĦŻUL TAL-FRA

#### Aċċess għall-ġustizzja

Koppja Bulgara kienet tiġbor il-frott u l-ħaxix f'razzett fi Franza. Ġew stazzjonati minn impjegatur Bulgaru, kienu impjegati legalment permezz ta' kuntratt tax-xogħol bil-lingwa nattiva tagħhom, u kellhom residenza legali u status tal-impjieg fi Franza. Madankollu, kienu soġġetti għal kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol estremament abużivi u tħallsu ta' sitt ġimgħat biss, minkejja li kienu ħadmu 15-16-il siegħa fil-ġurnata għal ħames xhur (il-prezz tal-biljett tal-ajru tar-ritorn tagħhom tnaqqas mis-salarji tagħhom ukoll). Irrapportaw il-każ tagħhom lill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, li talbet lill-fergħa lokali tal-Uffiċċju Ċentrali għall-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata sabiex tinvestiga u tipprevjeni l-isfruttament tal-ħaddiema fil-ġejjieni mill-impjegatur Bulgaru.

L-isfruttament tal-ħaddiema jvarja minn abbużi severi bħal skjavitù għal atti li ma jaqgħux taħt l-isfruttament sever tal-ħaddiema u reati kriminali. L-"isfruttament sever tal-ħaddiema" jkopri wkoll is-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra min Iħaddem (2009/52/KE) – l-impjieg ta' ħaddiem f'sitwazzjoni irregolari f'"kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abużivi". Skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva, dawn huma kundizzjonijiet "fejn ikun hemm sproporzjoni impressjonanti meta mqabbla mat-termini tal-impjieg ta' ħaddiema impjegati b'mod legali, li, pereżempju, ikun qiegħed jaffettwa lis-saħħa u lis-sikurezza tal-ħaddiema, u jmur kontra d-dinjità tal-bniedem". Dan il-kliem jirrifletti l-Artikolu 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li jipprovdi li l-ħaddiema għandhom dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tagħhom. Fi kliem ieħor, "sfruttament sever tal-ħaddiema" tfisser sitwazzjonijiet tax-xogħol li jmorru lil hinn b'mod sinifikanti mill-kundizzjonijiet tax-xogħol standard – ġusti u xierqa – kif definiti mil-liġijiet tax-xogħol u minn regolamenti legali oħrajn, b'mod partikolari dwar, ir-rimunerazzjoni, il-ħinijiet tax-xogħol, il-liv, is-saħħa u s-sikurezza u t-trattament diċenti u b'rispett lill-ħaddiema.

## Ġbir u kopertura tad-dejta

Din ir-riċerka tal-FRA hija l-ewwel tat-tip tagħha minħabba li tesplora b'mod komprensiv il-forom kriminali kollha tal-isfruttament tal-ħaddiema li qegħdin jiċċaqalqu fi ħdan jew lejn l-UE, bl-użu ta' riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni u fuq il-post. Ir-riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni fil-qafas legali u istituzzjonali tal-isfruttament sever tal-ħaddiema twettqet fit-28 Stat Membru tal-UE kollha, filwaqt li r-riċerka fuq il-post twettqet f'21 (ir-riċerka ma koprietx id-Danimarka, l-Estonja, il-Latvja, il-Lussemburgu, ir-Rumanija, l-Islovenja u l-Isvezja, parzjalment minħabba limitazzjonijiet fir-riżorsi). Ir-reġjuni ġeografiċi differenti u s-sitwazzjonijiet ekonomiċi diversi u t-tradizzjonijiet legali huma koperti. Il-ħidma fil-prattika involviet 616-il intervista tal-esperti ma' diversi gruppi professjonali li jaħdmu fil-qasam tal-isfruttament tal-ħaddiema, bħall-ispettorati tax-xogħol, il-pulizija, l-imħallfin u r-rappreżentanti tal-ħaddiema u tal-impjegaturi, kif ukoll 24 diskussjoni fi gruppi fokus bi gruppi mħallta ta' prattikanti.

Inġabru wkoll 217-il studju tal-każijiet ta' eżempji ta' sfruttament sever tal-ħaddiema, ibbażati fuq informazzjoni pprovduta minn esperti fil-livell tal-Istat Membru. Dawn jirriflettu stejjer reali u jiffukaw fuq l-esperjenza ta' sfruttament tal-ħaddiema. Minħabba nuqqas ta' informazzjoni komprensiva, il-kategorizzazzjoni legali tas-sitwazzjonijiet deskritti fil-biċċa l-kbira mhijiex possibbli. Madankollu, hemm bosta li jistgħu jinvolvu traffikar tal-bnedmin.

**Figura 1: Forom u severità tal-isfruttament tal-ħaddiema**




Noti: *Il-vittmi tal-forom kollha ta' sfruttament stabbiliti f'din il-figura jistgħu jkunu vittmi tat-traffikar ukoll meta jkunu preżenti l-elementi tad-definizzjoni tat-traffikar fl-Artikolu 2 tad-Direttiva Kontra t-Traffikar, kif kopert mill-liġi tal-Istat Membru.*

Sors: *FRA, 2015*

# Niffukaw fuq il-fatturi ta' riskju

Ir-riċerka tal-FRA għandha l-għan li tappoġġja lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri sabiex jipprevjenu l-isfruttament sever tal-ħaddiema, iżommu għajnejhom fuq is-sitwazzjonijiet fejn iseħħ l-isfruttament sever tal-ħaddiema u jagħmlu d-dritt tal-vittmi għal aċċess tal-ġustizzja realtà. B'mod aktar speċifiku, tidentifika:

- fatturi li jpoġġu lill-ħaddiema li ċċaqalqu fi ħdan jew lejn l-UE f'riskju ta' sfruttament sever tal-ħaddiema fil-pajjiż fejn jaħdmu (fatturi ta' riskju);
- kif l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jwieġbu għal dawn il-fatturi ta' riskju f'termini ta'
  - prevenzjoni;
  - monitoraġġ, inkluż il-qafas istituzzjonali u legali sabiex jittraċċaw każijiet ta' sfruttament tal-ħaddiema, partikolarment permezz ta' spezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol mill-ispettorati tax-xogħol jew minn awtoritajiet pubbliċi oħrajn;
  - miżuri li jagħtu, ladarba jiġi osservat sfruttament sever tal-ħaddiema, lill-vittmi jkollhom aċċess għal ġustizzja, bħal servizzi ta' appoġġ immirati, li jipprovdu informazzjoni dwar il-każ u d-drittijiet tal-vittmi, investigazzjonijiet effettivi u prosekuzzjoni, u sanzjonijiet dissważivi.

Il-fatturi ta' riskju huma miġburin bħala relatati mal-qafas isitituzzjonali u legali, mas-sitwazzjoni tal-ħaddiem, mal-ispeċifiċitajiet tal-post tax-xogħol jew mal-imġiba tal-impjegatur (ara l-Figura 2).

Minħabba l-perikli tal-kundizzjonijiet tax-xogħol abużivi, l-Istati Membri tal-UE għandhom obbligi ta' diliġenza dovuta. Ħaddiema minn pajjiż ieħor li jaffaċċjaw riskju serju ta' sfruttament sever – bħala riżultat ta' akkumulazzjoni ta' fatturi ta' riskju – huma intitolati għal miżuri protettivi adottati mill-awtoritajiet kompetenti. Għalhekk, meta l-fatturi ta' riskju jakkumulaw, l-Istati Membri għandhom dmirijiet, li ġejjin mil-liġi tal-UE, li jagħmlu spezzjonijiet immirati lejn l-identifikar tal-isfruttament tal-ħaddiema, jipproteġu lill-vittmi, jistabbilixxu mekkaniżmi ta' rimedju u jevitaw l-impunità.

**Figura 2: Il-fatturi ta' riskju għall-isfruttament tal-ħaddiema**




*Sors: FRA, 2015*

# Sejbiet ewlenin u parir ibbażat fuq l-evidenza

## Prevenzjoni

### Sensibilizzazzjoni u promozzjoni ta' ambjent b'tolleranza żero fir-rigward tal-isfruttament tal-ħaddiema

Il-prattikanti intervistati nnutaw fost il-popolazzjoni ġenerali fis-soċjetajiet Ewropej attitudni ta' tolleranza tal-isfruttament tal-ħaddiema minn pajjiżi oħrajn. Dawn il-ħaddiema huma meqjusin li jaċċettaw minn jeddhom – minkejja l-faqar u l-emarġinazzjoni – xogħol f'kundizzjonijiet abużivi. Nuqqas ta' fehim ċar tal-isfruttament sever tal-ħaddiema ta' prattikanti li jintervjenu f'sitwazzjonijiet rilevanti jikkontribwixxi wkoll għal sitwazzjonijiet abużivi mhux perċepiti jew mogħtijin prijorità.

Din it-tolleranza lejn sfruttament tal-ħaddiema tinsab f'kuntrast kbir mas-sitwazzjoni legali. Forom severi ta' sfruttament tal-ħaddiema huma kriminalizzati b'mod estensiv mil-liġijiet tal-UE u tal-Istati Membri – għalkemm wieħed jista' jargumenta li m'humiex komprensivi u konsistenti biżżejjed. Skont ir-riċerka – b'mod partikolari l-intervisti tal-esperti u l-istudji tal-każijiet – sfruttament fil-qasam tax-xogħol domestiku, pereżempju fit-tindif u l-kura tat-tfal jew tal-anzjani, deher għall-pubbliku ġenerali bħala żona griża, li potenzjalment iċċajpar il-linja bejn dawk il-prattiki li huma moralment aċċettabli u dawk li mhumiex.

**Opinjoni tal-FRA**

*L-Istati Membri tal-UE għandhom iżidu s-sensibilizzazzjoni fost il-pubbliku ġenerali dwar l-eżistenza tal-isfruttament sever tal-ħaddiema li jiċċaqalqu fi ħdan jew lejn l-UE u jżidu l-isforzi sabiex jippromwovu ambjent b'tolleranza żero fir-rigward tal-isfruttament ta' ħaddiema bħal dawn, inkluż l-isfruttament fi djar privati.*

### Sensibilizzazzjoni u taħriġ immirati

Esperti f'diversi Stati Membri tal-UE rrapportaw li minħabba l-multipliċità ta' forom ta' sfruttament tal-ħaddiema u d-dispożizzjonijiet legali marbuta miegħu, mhuwiex ċar x'jikkostitwixxi preċiżament forma kriminali tal-isfruttament sever tal-ħaddiema. Indikaw id-diffikultajiet meta jiġu biex japplikaw id-diversi kategoriji legali u fil-fehim tal-bosta forom ta' sfruttament sever tal-ħaddiema minn pajjiżi oħrajn u l-kawżi prinċipali tagħhom. Għarfien u sensibilizzazzjoni aħjar tal-ħafna forom ta' sfruttament bħal dan jgħinu lill-ispettorati tax-xogħol u l-uffiċjali tal-pulizija jidentifikaw każijiet ta' dan it-tip.

L-intervisti tal-esperti indikaw li l-kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi fil-kontroll tal-migrazzjoni u r-rikonoxximent u l-appoġġjar ta' vittmi tal-isfruttament sever jistgħu jwasslu għal rwoli u rekwiżiti li jaħdmu kontra xulxin. L-ispettorati tax-xogħol u l-uffiċjali tal-pulizija għandhom jiġu infurmati u mħarrġa sabiex jagħtu prijorità lid-drittijiet fundamentali tal-vittmi fuq kwistjonijiet ta' ordni pubbliku meta kkonfrontati minn sitwazzjoni ta' sfruttament sever ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi f'sitwazzjoni irregolari.

**Opinjoni tal-FRA**

*L-Istati Membri tal-UE jridu jiżguraw li l-membri tal-persunal tal-organizzazzjonijiet li jiltaqgħu ma' sfruttament tal-ħaddiema huma konxji tal-bosta forom ta' sfruttament sever tal-ħaddiema u tal-kawżi prinċipali tagħhom, u huma mħarrġin sabiex jaġixxu kif xieraq. L-ispettorati tax-xogħol u l-uffiċjali tal-pulizija għandhom ikunu infurmati u mħarrġin sabiex jagħtu lid-drittijiet tal-vittmi ta' sfruttament sever tal-ħaddiema prijorità fuq objettivi relatati mal-ġestjoni tal-migrazzjoni.*

*Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EUOSHA) huma mistiedna biex jappoġġjaw lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' taħriġ sabiex isaħħu l-kapaċità tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u l-ispettorati tax-xogħol ħalli jidentifikaw u jinvestigaw każijiet ta' sfruttament sever tal-ħaddiema u jintervjenu fi spirtu ta' rispett tad-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema sfruttati li jiċċaqalqu fi ħdan jew lejn l-UE. Inizjattivi bħal dawn jistgħu jiġu appoġġjati mill-ħidma tal-koordinatur Kontra t-Traffikar tal-UE.*

*Kooperazzjoni effettiva bejn l-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati hija essenzjali u għandha tkun ibbażata fuq fehim komuni tal-problemi kkawżati mill-isfruttament tal-ħaddiema, tad-drittijiet fundamentali involuti u tal-interventi meħtieġa.*

## Inkoraġġiment lit-trade unions u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jikkomunikaw u jipprovdu informazzjoni lill-ħaddiema li jiċċaqalqu fi ħdan jew lejn l-UE

Ħafna minn dawk li wieġbu qiesu li huwa essenzjali għall-ħaddiema li jkunu jafu dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet tagħhom qabel jaslu fil-pajjiż ta' destinazzjoni tagħhom, jew li jingħataw dan it-tip ta' informazzjoni mal-wasla tagħhom. F'dan ir-rigward, il-funzjonijiet importanti mwettqin mit-trade unions u l-NGOs li jiġu f'kuntatt mal-ħaddiema li jiċċaqalqu fi ħdan jew lejn l-UE – pereżempju fl-Awstrija, il-Ġermanja, l-Irlanda u n-Netherlands – għandhom jiġu rikonoxxuti bħala żvilupp promettenti.

Hemm ukoll tendenza ċara – u pożittiva – għall-ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE li jinfurmaw liċ-ċittadini barranin li għandhom l-intenzjoni li jmorru jgħixu fil-pajjiż tagħhom, jew liċ-ċittadini tagħhom stess meta jaslu biex jaħdmu f'pajjiż ospitant, dwar id-drittijiet tal-impjieg tagħhom. Ta' min jinnota wkoll li l-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar il-Ħaddiema Staġjonali (2014/36/UE) sejjer jobbliga lill-Istati Membri meta jagħtu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi permessi għall-fini ta' xogħol staġjonali sabiex jipprovdulhom ukoll informazzjoni bil-miktub dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva, inkluż il-proċeduri tal-ilmenti.

**Opinjoni tal-FRA**

*L-Istati Membri tal-UE għandhom iħeġġu lit-trade unions u organizzazzjonijiet privati oħrajn sabiex jipprovdu informazzjoni lill-ħaddiema qabel jitilqu, kif ukoll meta jaslu fil-pajjiż ta' destinazzjoni tagħhom.*

*Għandu jiġi kkunsidrat ir-rwol tal-ambaxxati fil-forniment ta' informazzjoni qabel it-tluq jew mal-wasla.*

## Relazzjonijiet tax-xogħol trasparenti

Esperti intervistati raw in-nuqqas ta' trasparenza fir-relazzjonijiet tax-xogħol bħala fattur li jżid mar-riskju tal-isfruttament. Il-ħaddiema spiss jew ma jkollhomx kuntratt miktub b'lingwa li jifhmu, jew ma jkollhom l-ebda kuntratt bil-miktub, jew inkella jitilfu l-kont tal-pagi dovuti lilhom minħabba s-sitwazzjoni legali kumplessa involuta – pereżempju tinvolvi sensara tax-xogħol jew sottokuntrattar – jew minħabba prattiki tal-impjegatur li jċajpru s-sitwazzjoni. Għandha tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar in-nuqqas ta' relazzjonijiet tax-xogħol trasparenti bħala "bandiera ħamra" li tindika l-potenzjal ta' sfruttament sever tal-ħaddiema, pereżempju permezz ta' kampanji jew ambaxxati li joħorġu viżi liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

**Opinjoni tal-FRA**

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li t-termini u ċ-ċirkostanzi bażiċi ta' relazzjoni tax-xogħol huma trasparenti, dokumentati tajjeb u li jinftiehmu matul iż-żmien tal-impjieg. B'mod partikolari:*

- *il-ħaddiema kollha għandhom jingħataw kuntratt miktub b'lingwa li jifhmu, tal-inqas rigward it-termini bażiċi tal-impjieg tagħhom;*
- *il-pagi għandhom jitħallsu b'mod trasparenti u f'intervalli regolari iżda tal-inqas darba f'xahar u mhux biss fl-aħħar ta' staġun jew proġett.*

## "Id-dritt tal-konsumaturi li jkunu jafu" u d-dmir tal-kumpaniji li jiddivulgaw l-informazzjoni

Fl-Istati Membri tal-UE fejn il-markar tal-prodott huwa komuni, il-fehmiet tal-esperti dwar il-merti ta' prattiki bħal dawn ivarjaw. Filwaqt li ħafna jemmnu li l-għoti ta' possibbiltà lill-konsumaturi sabiex jieħdu deċiżjonijiet informattivi huwa mezz effettiv kif tipprevjeni l-isfruttament tal-ħaddiema, oħrajn jisħqu li t-tikkettar mhuwiex dejjem affidabbli u jeħtieġ li jittejjeb. Skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (2011/83/UE), il-konsumaturi għandhom jingħataw informazzjoni dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-prodotti u s-servizzi li jixtru jew jużaw. Il-konsumaturi li huma mħassbin dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol umani għandu jkollhom dritt li jkunu jafu meta jixtru prodott li jkollu riskju serju li ġie mmanifatturat f'kundizzjonijiet abużivi.

### STUDJU TAL-KAŻ MAGĦŻUL MILL-FRA

#### Dawk li jisfruttaw iqarrqu bil-konsumaturi

Il-marka "Happy Eggs", li tforni bajd lis-supermarkets ewlenin fir-Renju Unit, instabet li kienet qiegħda tbigħ bajd miġbur minn ħaddiema Litwani sfruttati. Il-kumpanija sostniet li kienet sejra tagħmel "dak kollu li tista' sabiex l-irziezet tagħha jkunu postijiet tassew kuntenti". Madankollu, il-kap tal-klikka li pprovdiet il-ħaddiema attakkahom fiżikament, naqqsilhom mill-pagi tagħhom u tahom akkomodazzjoni f'kundizzjonijiet iffullati wisq. Għalkemm il-kap tal-klikka tilef il-liċenzja biex jaħdem, ma tressqu l-ebda akkużi kriminali.

Dan huwa relatat mal-obbligi fuq l-impriżi li tiddivulga informazzjoni li tippermetti lill-konsumaturi jivvalutaw l-impatt tal-attivitajiet tan-negozju fuq id-drittijiet fundamentali. Pass importanti favur it-titjib tat-trasparenza tal-"informazzjoni mhux finanzjarja" tal-kumpaniji huwa l-emendi għad-Direttiva dwar id-Divulgazzjoni (2014/95/UE), li l-Istati Membri huma meħtieġa jittrasponu sas-6 ta' Diċembru 2016. Il-kumpaniji u l-gruppi kbar huma obbligati jirrapportaw fuq "kwistjonijiet tal-impjegat", inklużi deskrizzjoni tal-politiki segwiti u l-eżiti tagħhom, ir-riskji u l-immaniġġjar tar-riskji, u l-indikaturi ewlenin rilevanti tal-prestazzjoni. Skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar id-Divulgazzjoni, il-Kummissjoni "għandha tħejji linji gwida mhux vinkolanti dwar il-metodoloġija għar-rapportar tal-informazzjoni mhux finanzjarja, inklużi indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni ta' natura mhux finanzjarja, li jkunu ġenerali u settorjali, bl-għan li tiffaċilita d-divulgazzjoni relevanti, utli u komparabbli ta' informazzjoni mhux finanzjarja."

### Opinjoni tal-FRA

*L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri huma mħeġġin jippermettu lill-konsumaturi jivvalutaw aħjar ir-riskju li prodott jew servizz provdut seta' nħoloq bl-involviment ta' sfruttament sever tal-ħaddiema. L-għoti ta' informazzjoni bħal din jista' jinkludi:*

- *sistemi ta' ċertifikazzjoni effettivi u affidabbli u l-markar għal prodotti ta' kumpaniji li jirrispettaw id-drittijiet tal-ħaddiema;*
- *reġistri pubbliċi tal-impjegaturi u tar-reklutaturi ħatja ta' sfruttament tal-ħaddiema, sakemm ma jkunux adottaw biżżejjed miżuri sabiex jipprevjenu b'mod affidabbli milli jseħħu aktar każijiet ta' sfruttament.*

*Billi tipprovdi gwida u billi tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva emendata dwar id-Divulgazzjoni, il-Kummissjoni tista' tagħti attenzjoni xierqa lid-divulgazzjoni tal-politiki dwar l-ugwaljanza tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema u s-salvagwardji li jiġġieldu l-fatturi ta' riskju għal kundizzjonijiet abużivi tax-xogħol, kemm ġenerali kif ukoll settorjali. Tista' tingħata attenzjoni partikolari lil dawk is-setturi tal-ekonomija li huma partikolarment suxxettibbli għall-isfruttament tal-ħaddiema.*

## Salvagwardji fil-proċeduri ta' akkwist

L-esperti intervistati semmew każijiet li fihom l-isfruttament tal-ħaddiema seħħ matul proġetti kkummissjonati minn istituzzjonijiet pubbliċi. Sitwazzjonijiet bħal dawn jidhru wkoll f'għadd ta' studji tal-każijiet. Dan jindika r-responsabbiltà tal-istituzzjonjiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE, kif ukoll l-Istati Membri, sabiex jevitaw milli jikkontribwixxu finanzjarjament għal prattiki abużivi.

STUDJU TAL-KAŻ MAGĦŻUL MILL-FRA

## Akkwist pubbliku

Fl-2005, grupp ta' rġiel Indjani, reklutati minn sottokuntrattur mill-Arabja Sawdita, ħadmu f'Malta fuq proġett infrastrutturali kbir iffinanzjat mill-Gvern. Tħallsu ħażin ħafna (ħafna inqas mill-paga minima statutorja) u ma tħallewx jieħdu liv talmard u ġranet ta' waqfien mix-xogħol. Il-ftit ikel li rċivew u l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni ta' standard inferjuri tnaqqsu mill-pagi tagħhom ukoll. Terza persuna infurmat lill-ispettorati tax-xogħol u trade union eżerċitat pressjoni politika fuq il-Gvern Malti permezz tal-mezzi tax-xandir minflok ma ħadet passi bil-qorti, minħabba li l-"penali finanzjarji kontra l-impjegaturi kienu minimi". Il-union tat għajnuna legali lill-ħaddiema u mmobilizzat l-ambaxxata tagħhom: bħala riżultat, il-ħaddiema ngħataw kumpens sħiħ, inkluż il-ħlas tas-sahra, skont il-paga minima lokali.

Skont l-Artikolu 31 tal-Karta, l-atturi tal-UE għandhom obbligu li jirrispettaw id-drittijiet tal-ħaddiema li jiċċaqalqu fi ħdan jew lejn l-UE għal kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti, b'mod partikolari fil-proċeduri kollha ta' akkwist fir-rigward ta' kuntratturi u sottokuntratturi. B'mod partikolari, meta l-Istati Membri tal-UE jimplimentaw il-pakkett leġiżlattiv adottat fi Frar 2014 dwar il-proċeduri ta' akkwist, huma marbutin bil-Karta, inklużi l-Artikoli 5 u 31.

### Opinjoni tal-FRA

*Meta jiġi implimentat il-pakkett leġiżlattiv adottat fi Frar 2014 dwar il-proċeduri ta' akkwist, l-Istati Membri tal-UE huma mitluba jagħtu attenzjoni partikolari lill-ħtieġa li jevitaw milli jappoġġjaw l-isfruttament tal-ħaddiema minn kumpaniji kkuntrattati involuti – jew intrapriżi sottokuntrattati involuti – fl-isfruttament tal-ħaddiema.*

*L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE li jimplimentaw proċeduri ta' akkwist huma mħeġġin imexxu bl-eżempju u jagħtu attenzjoni xierqa lill-prevenzjoni tal-isfruttament tal-ħaddiema mwettaq minn kumpaniji sottokuntrattati.*

# Monitoraġġ u spezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol

## Sistemi komprensivi u effettivi ta' spezzjonijiet u monitoraġġ

Fost il-gruppi professjonali kollha, dawk li jwieġbu raw nuqqas ta' monitoraġġ effettiv bħala fattur ta' riskju importanti li jikkontribwixxi għall-isfruttament sever tal-ħaddiema. Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet li jippromwovu d-drittijiet tal-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u tal-impjegaturi u l-imħallfin ikkunsidraw in-nuqqas ta' monitoraġġ biżżejjed bħala l-aktar fattur ta' riskju istituzzjonali sinifikanti. L-Istati Membri jridu jkunu lesti sabiex iwettqu aktar spezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol, u jtejbu l-effettività tagħhom, filwaqt li jagħtu attenzjoni xierqa lil fatturi ta' riskju għall-isfruttament tal-ħaddiema. Barra minn hekk, l-esperti saħqu fuq l-importanza ta' kooperazzjoni bejn l-ispetturi tal-post tax-xogħol u l-pulizija.

Skont l-esperti, jinqalgħu kumplessitajiet meta ċertu xogħol, bħal xogħol fl-agrikoltura li jsir fi propjetà privata jew xogħol domestiku, ikun eżentat kompletament mill-ispezzjonijiet. Bl-istess mod, rapport ippubblikat mill-FRA fl-2011, *Migrants in an irregular situation employed in domestic work* (Migranti f'sitwazzjoni irregolari impjegati f'xogħol domestiku), enfasizza li l-"qafas legali għandu jipprovdi għal spezzjoni tax-xogħol lill-postijiet tax-xogħol ta' ħaddiema domestiċi sabiex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u diċenti."[1]

Fid-dawl tal-fatturi ta' riskju identifikati fir-riċerka fuq il-post, il-monitoraġġ għandu jiffoka fuq gruppi li jinsabu f'riskju akbar ta' sfruttament, bħal persuni f'sitwazzjoni irregolari ta' impjieg, ħaddiema staġjonali, ħaddiema ta' aġenziji temporanji, u dawk f'impjieg indipendenti fittizju. Ir-riċerka sabet li, aktar milli jiffoka fuq gruppi bħal dawn, il-monitoraġġ spiss ikun limitat għal ċerti setturi ekonomiċi meqjusin bħala suxxettibbli b'mod partikolari għall-isfruttament tal-ħaddiema. Is-sejbiet tar-riċerka dwar ir-rilevanza tal-fatturi ta' riskju diversi għandhom jintużaw biex ifasslu strateġiji aktar effettivi u mmirati biex josservaw każijiet ta' sfruttament sever tal-ħaddiema.

1 FRA (2011), *Migrants in an irregular situation employed in domestic work: fundamental rights challenges for the European Union and its Member States*, (Migranti f'sitwazzjoni irregolari impjegati f'xogħol domestiku: sfidi ta' drittijiet fundamentali għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha), il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, pġ. 9 u 30.

Ir-riċerka fuq il-post identifikat ukoll riskji ta' sfruttament tal-ħaddiema li jinqalgħu meta l-ħaddiema ma jkunux impjegati direttament mill-intrapriżi li jaħdmu għalihom iżda permezz ta' aġenzija ta' reklutaġġ jew sottokuntrattar (jiġifieri kwalunkwe persuna naturali jew entità legali li tiġi assenjata l-eżekuzzjoni tal-obbligi kollha jew parti minnhom ta' kuntratt minn qabel).

## STUDJU TAL-KAŻ MAGĦŻUL MILL-FRA

### Aġenziji ta' reklutaġġ

Tmienja u sittin ċittadin Ċiniż kienu qegħdin jaħdmu għal kumpanija tat-tindif fil-Finlandja. Kienu reklutati minn aġenzija ta' reklutaġġ Finlandiża, megħjuna minn aġenzija ta' reklutaġġ Ċiniża, xi ħaġa li wasslet għal sitwazzjoni konfuża għall-ħaddiema, li ma fehmux min kien jirrappreżenta l-aġenzija ta' reklutaġġ u min kien jirrappreżenta l-kumpanija tat-tindif. Din l-inċertezza ġiet riflessa fil-proċedimenti kriminali, meta l-akkużi kontra l-aġenzija ta' reklutaġġ Finlandiża għal diskriminazzjoni esaġerata tal-ħaddiema waqgħu għaliex instab li l-kumpanija ta' reklutaġġ ma aġixxietx f'isem l-impjegatur. Għalhekk l-awturi ma ġewx ikkastigati, minkejja l-prosekuzzjoni tagħhom għal diskriminazzjoni esaġerata tal-ħaddiema u użura aggravata. Il-vittmi ma rċivewx kumpens jew ħlas b'lura tat-tariffi ta' reklutaġġ u kellhom iħallsu sehem mit-tariffi legali.

Skont l-esperti intervistati, sitwazzjonijiet legali kumplessi jagħmluha aktar diffiċli għall-ħaddiema li ċċaqalqu fi ħdan jew lejn l-UE sabiex jifhmu d-drittijiet tagħhom jew ir-rimedji disponibbli għalihom u b'hekk iżidu r-riskju li jiġu sfruttati. Dan huwa b'mod partikolari l-każ meta kumpaniji bbażati fi Stati Membri differenti huma involuti. Barra minn hekk, f'dawn il-kundizzjonijiet, il-valutazzjoni tal-ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema ssir dejjem iktar diffiċli. Sforzi għall-monitoraġġ ta' sitwazzjonijiet kumplessi bħal dawn u għall-investigazzjonijiet f'każijiet ta' suspett jeħtieġ li jingħataw spinta u jista' jkollhom bżonn kooperazzjoni effettiva fost l-awtoritajiet pubbliċi minn iżjed minn Stat membru wieħed.

L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni dwar l-Aġenziji Privati tal-Impjieg tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol[2] jistabbilixxi b'mod ċar li t-tali "aġenziji ma għandhomx jiddebitaw direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjali, kwalunkwe tariffa jew spiża lill-ħaddiema". L-impjegaturi għandhom iġarrbu l-ispejjeż tas-servizzi tal-impjieg. Eċċezzjonijiet ta' din ir-regola għall-ħaddiema li qegħdin ifittxu impjiegi li la jeħtieġu ħiliet sofistikati u lanqas ma jinvolvu responsabbiltajiet maniġerjali ftit li xejn huma aċċettabbli. Madankollu, l-intervisti tal-esperti u l-istudji ta' każijiet jindikaw reklutaturi li jimponu tariffi esaġerati fuq il-ħaddiema, li b'hekk ikunu soġġetti għal sitwazzjoni ta' jasar biddejn u jsiru b'mod partikolari vulnerabbli għal sfruttament sever. Għalhekk, l-attivitajiet tal-aġenziji tal-impjieg jeħtieġu l-attenzjoni partikolari ta' korpi ta' monitoraġġ.

2 Adottata f'Ġinevra fid-19 ta' Ġunju 1997 fis-sessjoni numru 85 tal-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol (ILC).

## Opinjoni tal-FRA

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw sistema komprensiva ta' spezzjonijiet tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li hija effettiva biżżejjed biex tkun konformi ma' standards rikonoxxuti.*

- *Għal dan il-għan, għandha tkun implimentata leġiżlazzjoni li titlob b'mod ċar li awtorità pubblika twettaq monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema li jiċċaqalqu fi ħdan jew lejn l-UE u numru biżżejjed ta' spezzjonijiet.*
- *Din l-awtorità għandu jkollha biżżejjed persunal u tkun imħarrġa biex twettaq spezzjonijiet b'mod effettiv u mmirat, kif ukoll ikollha l-mezz li tegħleb il-barrieri tal-lingwa. Għandu jkollha l-poteri u l-mezzi tagħha stess sabiex tiżgura l-evidenza rilevanti fil-proċedimenti kriminali jew inkella għandha tkun f'pożizzjoni li tiddependi minn kooperazzjoni effettiva mal-pulizija.*
- *Il-persunal involut fil-monitoraġġ għandu jiġi mħarreġ biex jifhem u jivvaluta l-fatturi ta' riskju għall-isfruttament sever tal-ħaddiema fil-prattika, għandu jadatta u jorganizza x-xogħol tiegħu skont il-fatturi ta' riskju u għandu jirrevedi regolarment is-sistema tiegħu ta' mmaniġġjar tar-riskji. L-orjentazzjoni strateġika tal-ispezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol għandha tkun ibbażata fuq l-evidenza kollha disponibbli dwar il-fatturi ta' riskju rilevanti.*
- *L-Istati Membri tal-UE għandhom jirrevedu r-regolamenti li għandhom l-effett li jeżentaw kompletament il-postijiet tax-xogħol mill-ispezzjonijiet, b'mod partikolari fl-irziezet privati u x-xogħol domestiku.*
- *L-Istati Membri tal-UE għandhom ifasslu strateġiji aktar effettivi u mmirati biex jikxfu każijiet ta' sfruttament sever tal-ħaddiema u sabiex issir ġustizzja mat-trasgressuri.*
- *L-Istati Membri tal-UE għandhom itejbu l-monitoraġġ tal-aġenziji ta' reklutaġġ u jiżguraw l-infurzar tar-regolamenti legali li jipprojbixxu l-ġbir ta' tariffi mill-ħaddiema.*

- *L-aġenziji tal-UE inklużi l-EU-OSHA, il-Europol (l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija) u l-Eurojust (l-Unità Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja) huma mistidnin jikkontribwixxu għat-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali fost l-awtoritajiet tal-Istati Membri inkarigati bil-monitoraġġ, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni f'każijiet ta' sfruttament tal-ħaddiema li jinvolvu aktar minn Stat Membru wieħed.*

## L-aċċess tal-vittmi għall-ġustizzja

### Dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali li jipproteġu lill-ħaddiema li jiċċaqalqu fi ħdan jew lejn l-UE minn sfruttament sever tal-ħaddiema

Ir-riċerka żvelat li l-kategoriji ta' individwi protetti mid-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali kontra l-isfruttament sever fir-relazzjonijiet tax-xogħol ivarjaw ħafna fost l-Istati Membri, li jvarjaw minn ċittadini ta' pajjiżi terzi biss f'sitwazzjoni irregolari għall-individwi kollha. Dak li huwa deċiż minn perspettiva tad-drittijiet tal-bniedem huwa li d-dritt – skont l-Artikolu 31 tal-Karta kif ukoll skont l-Artikolu 2 tal-ESC rivedut – għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti jeħtieġu l-protezzjoni effettiva tal-ħaddiema kontra ksur serju. Minħabba d-dritt għall-ugwaljanza quddiem il-liġi – Artikolu 20 tal-Karta – huwa dubjuż għaliex, f'xi każijiet, id-dritt taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi f'sitwazzjoni irregolari għal kundizzjonijiet diċenti tax-xogħol huwa protett mid-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali filwaqt li d-dritt ekwivalenti taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi f'sitwazzjoni regolari ta' residenza jew ta' ċittadini Ewropej mhuwiex. Bl-istess mod, il-protezzjoni tat-tfal minn sfruttament sever tal-ħaddiema ma għandiex tkun riżervata għal ċittadini ta' pajjiżi terzi f'sitwazzjoni irregolari.

Barra minn hekk, xi leġiżlazzjoni ta' Stati Membri tal-UE tikkriminalizza l-impjegar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi f'sitwazzjoni irregolari irrispettivament jekk humiex sfruttati jew le. Din il-leġiżlazzjoni titratta bl-istess mod sitwazzjonijiet li huma essenzjalment differenti. Għalhekk id-dritt tal-ħaddiema li ma jkunux soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol abużivi mhuwiex rikonoxxut jew protett.

STUDJU TAL-KAŻ MAGĦŻUL MILL-FRA

#### Migranti f'sitwazzjonijiet irregolari

Mara Bolivjana f'sitwazzjoni irregolari ħadmet bħala indukratur f'dar fl-Italja, ħadmet sigħat twal u ftit li xejn irċiviet paga. L-impjegatur uża s-sitwazzjoni irregolari tagħha biex jintimidaha.

Mara Ekwadorjana fi Spanja kellha tagħmel ix-xogħol tad-dar u tieħu ħsieb persuna anzjana. Kellha taħdem xiftijiet eċċessivi, iżda ma kinitx imħallsa kif suppost. Talbet l-għajnuna mingħand NGO, iżda ma ressqitx ilment.

Fl-Irlanda, tfajla Niġerjana ħadmet għal familja billi tieħu ħsieb it-tifel tagħhom, u kienet ipprojbita milli tikkuntattja lil familtha jew kwalunkwe persuna oħra. L-impjegatur tagħha llimitalha l-ħruġ tagħha, u meta lmentat, heddewha li jibagħtuha lura n-Niġerja.

Dawk li jwieġbu fl-Ungerija rreferew għal nisa mir-Rumanija li jieħdu ħsieb l-anzjani bħala grupp li jiġi sfruttat ta' spiss.

F'ħames Stati Membri tal-UE, ir-reat tal-impjegar ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'sitwazzjoni irregolari f'kundizzjonijiet tax-xogħol abużivi huwa kkastigat b'sentenza massima ta' inqas minn sentejn. Penali bħal din ma tirriflettix il-gravità tal-ksur tad-drittijiet fundamentali li jaffaċċjaw il-vittmi tal-isfruttament sever tal-ħaddiema. Fi Stati Membri oħrajn tal-UE, penali li jheddu priġunerija għal żmien li ma jaqbiżx it-tliet jew il-ħames snin huma komuni.

Id-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra min Iħaddem tobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli għall-impjegar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi f'sitwazzjoni irregolari f'kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abużivi fejn ikun twettaq reat bħal dan għall-benefiċċju tagħhom. Dispożizzjoni simili hija inkluża fl-Artikolu 5 tad-Direttiva Kontra t-Traffikar (2011/36/UE). Il-penali għal persuni legali għandhom ikunu effettivi u dissważivi. Madankollu, l-esperti intervistati indikaw li s-sanzjonijiet imposti fil-prattika fuq l-intrapriżi (bħal persuni ġuridiċi) ma jirriflettux il-gravità tal-ksur tad-drittijiet involuti. Għaldaqstant l-effettività tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra min Iħaddem fil-prattika tista' tiġi esplorata aktar. Barra minn hekk, id-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra min Iħaddem tindika l-possibbiltà li l-impjegaturi li jisfruttaw ikunu blacklisted pubblikament (Artikolu 12(2)), iżda xi ftit Stati Membri biss jimplimentaw din il-prattika.

Opinjoni tal-FRA

*L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom jirrevedu d-direttivi rilevanti tal-UE u d-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali bil-għan li jiggarantixxu lill-ħaddiema kollha protezzjoni ugwali u effettiva kontra l-isfruttament sever tal-ħaddiema.*

*Dispożizzjonijiet komprensivi u effettivi tal-liġi kriminali għandhom jiżguraw ir-responsabbiltà tal-intrapriżi tan-negozju bħala persuni legali li jaġixxu bħala impjegaturi; sanzjonijiet dissważivi biżżejjed kontra l-entitajiet ġuridiċi għandhom jiġu stipulati mil-liġi nazzjonali u implimentati effettivament. Barra minn hekk, l-Istati Membri tal-UE għandhom jirrevedu l-effettività tad-dispożizzjonijiet legali li jippermettu:*

- *l-għeluq jew l-irtirar ta' liċenzji ta' stabbilimenti li nstabu ħatja ta' sfruttament sever tal-ħaddiema;*
- *il-possibbiltà tal-pubblikazzjoni ta' lista ta' impjegaturi li nstabu ħatja ta' sfruttament sever tal-ħaddiema.*

## Estensjoni tal-mandat tal-istituzzjonijiet li jittrattaw it-traffikar sabiex jinkludu l-forom kollha ta' sfruttament sever tal-ħaddiema

Ir-riċerka fuq il-post tindika biċ-ċar li l-istituzzjonijiet involuti fil-monitoraġġ, it-twettiq ta' spezzjonijiet, l-infurzar tal-liġi, l-appoġġ għall-vittmi u l-prosekuzzjoni pubblika jeħtieġu jinvestu f'aktar riżorsi sabiex jaffrontaw l-isfidi identifikati fir-rapport. Madankollu, investimenti bħal dawn fil-qafas istituzzjonali ma għandhomx jimmiraw forma partikolari ta' sfruttament tal-ħaddiema. Għandu jkollhom l-għan li jindirizzaw, f'perspettiva usa', l-ispettru kollu tal-forom kriminali tal-isfruttament tal-ħaddiema, li jista' jvarja minn skajvitù għal sfruttament sever tal-ħaddiema fis-sens tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra min Iħaddem. Fil-kuntest tal-iskala ta' sfruttament sever tal-ħaddiema hemm ħtieġa urġenti li jiġi estiż il-mandat tal-istituzzjonijiet li jittrattaw it-traffikar.

Kemm l-intervisti tal-esperti kif ukoll l-istudji tal-każijiet jindikaw id-diffikultajiet li jinqalgħu meta s-servizzi tal-appoġġ, l-unitajiet tal-pulizija speċjalizzati jew il-prosekuturi pubbliċi speċjalizzati huma disponibbli biex jitrattaw każijiet tat-traffikar iżda mhux każijiet ta' sfruttament sever tal-ħaddiema, b'mod partikolari fir-rigward ta' forom ta' sfruttament li jseħħu fir-relazzjonijiet tax-xogħol koperti mill-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra min Iħaddem. Fil-qasam ta' appoġġ għall-vittmi, pereżempju, f'żewġ terzi tal-Istati Membri tal-UE li fihom saret il-ħidma fuq il-post, l-esperti qiesu s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi bħala neqsin u ineffettivi fil-prattika, bi ftit li xejn servizzi ddedikati speċifikament għall-vittmi tal-isfruttament tal-ħaddiema, u ħafna servizzi jeskluduhom direttament sakemm ma jkunux involuti traffikar jew vjolenza.

Fuq il-bażi ta' din l-evidenza, wieħed jista' jissuġġerixxi li l-mandat tal-organizzazzjonijiet fil-ġlieda kontra t-traffikar fil-livell tal-UE jew ta' Stat Membru għandu jiġi estiż biex ikopri il-forom kriminali kollha ta' sfruttament ta' dawk il-persuni li ttrasferixxew irwieħhom minn pajjiż differenti. Dan jinkludi sfruttament imwettaq f'kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abużivi, sfruttament ta' vittmi tat-traffikar minn impjegatur mhux involut fil-proċess tat-traffikar u fl-impjegar illegali ta' minorenni (Artikolu 9(1)(c) sa (e) tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra min Iħaddem.)

Opinjoni tal-FRA

*L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom jirrevedu l-mandat tal-istituzzjonijiet inkarigati bl-indirizzar tat-traffikar jew bil-koordinazzjoni ta' azzjoni bħal din bil-għan li jiġu estiżi l-kompiti tagħhom biex jindirizzaw reati oħrajn, inklużi dawk koperti mid-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra min Iħaddem.*

*Strumenti u mekkaniżmi stabbiliti sabiex jindirizzaw it-traffikar – bħal mekkaniżmi ta' riferiment jew permessi ta' residenza temporanji – għandhom jiġu riveduti bil-għan li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom għal każijiet ta' sfruttament sever tal-ħaddiema li ma jinvolvux it-traffikar.*

## Tħeġġiġ lill-vittmi sabiex jirrapportaw billi jingħataw permessi ta' residenza

Is-sejbiet tar-riċerka juru li l-vittmi ta' sfruttament sever tal-ħaddiema li huma f'sitwazzjoni irregolari ta' residenza jaqtgħu qalbhom milli jirrapportaw għand kwalunkwe awtorità pubblika minħabba l-istatus tagħhom. L-esperti jidentifikaw biża' li jkollhom jitilqu mill-pajjiż bħala r-raġuni ewlenija għaliex il-vittmi ma jirrapportawx l-isfruttament tagħhom lill-pulizija. Skont il-Premessa 10 tad-Direttiva tal-Vittmi (2012/29/UE), id-dritt tal-vittmi li jkunu rikonoxxuti bħala vittmi u li jkollhom aċċess għall-ġustizzja ma għandux jiddependi mill-istatus ta' residenza tagħhom. Madankollu, fir-realtà, id-dritt tal-vittmi ta' sfruttament sever tal-ħaddiema residenti b'mod irregolari għal aċċess għall-ġustizzja jibqa' teoretiku sakemm ma jingħatawx għażla sikura li jirregolarizzaw l-istatus ta' residenza tagħhom. Għażla bħal din fl-istess ħin għandha ttejjeb il-funzjonament

tas-sistema tal-ġustizzja kriminali u tikkontrolla l-ambjent tal-impunità għall-awturi ta' sfruttament sever tal-ħaddiema.

L-Artikolu 11 tad-Direttiva Kontra t-Traffikar jobbliga lill-Istati Membri tal-UE biex "jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-assistenza u l-appoġġ jingħataw lill-vittmi," dan jippermettilhom jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom bħala vittmi ta' reat, u jispeċifika li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li assistenza u appoġġ bħal dawn mhumiex ibbażati fuq ir-rieda tal-vittma li tikkopera fl-investigazzjoni kriminali, il-prosekuzzjoni jew il-proċess. Madankollu, din id-dikjarazzjoni ssir "mingħajr preġudizzju" lid-Direttiva tal-Permess ta' Residenza (2004/81/KE). Din hija kwalifikazzjoni estensiva. Fil-prattika, id-Direttiva dwar il-Permessi ta' Residenza, billi tibbaża l-għoti ta' permessi ta' residenza lill-vittmi tat-traffikar fuq il-wiri ta' intenzjoni ċara li jikkooperaw mal-infurzar tal-liġi, tinterferixxi b'mod konsiderevoli mad-drittijiet tal-vittmi li jkollhom aċċess għas-servizzi ta' appoġġ u ġustizzja. Ta' min jinnota li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-azzjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin (CETS Nru. 197), li l-Istati Membri kollha tal-UE ħlief ir-Repubblika Ċeka rratifikaw, tieħu, fl-Artikolu 14, pożizzjoni aktar favur id-drittijiet, billi tinkludi wkoll sitwazzjonijiet li fihom "l-awtorità kompetenti tikkunsidra li ż-żjara tagħhom hija meħtieġa minħabba s-sitwazzjoni personali tagħhom" fost dawk li fihom għandu jinħareġ permess ta' residenza li jista' jiġġedded lill-vittmi.

Barra minn hekk, skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ta' Ottubru 2014 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Permessi ta' Residenza, sitt Stati Membri tal-UE ma jagħmlux il-permessi bil-kundizzjoni ta' kooperazzjoni tal-vittmi u seba' Stati Membri oħra jippermettu xi eċċezzjonijiet.

Bla dubju, hemm ukoll tensjonijiet bejn id-Direttiva dwar il-Permessi ta' Residenza u l-obbligi tal-Istati Membri skont il-Karta. Id-dritt tal-vittmi tat-traffikar u ta' forom oħra ta' sfruttament sever skont l-Artikolu 47 tal-Karta li jingħataw aċċess effettiv għall-ġustizzja – u, għal dan il-għan, li jkollhom is-setgħa, il-ħeġġa u l-appoġġ skont il-ħtiġijiet tagħhom – jikkorrispondi għal obbligi inkondizzjonati tal-Istati Membri tal-UE, li ma jistgħux jibbażaw fuq il-kooperazzjoni tal-vittma. L-oneru għandu jaqa' fuq l-awtoritajiet pubbliċi sabiex jagħtu aċċess għall-ġustizzja, mhux fuq il-vittmi li l-ewwel jiksbu l-privileġġ li jkunu appoġġjati u jitħallew jieħdu sehem fil-proċedimenti. L-effettività prattika ta' dawn id-drittijiet ma għandhomx jiddependu fuq ir-rieda jew il-ħila tal-vittma li tappoġġja lill-pulizija jew kwalunkwe awtorità biex twettaq il-kompiti tagħhom. Minħabba dan il-kunflitt, wieħed jista' jsostni li bid-dħul fis-seħħ tal-Karta ġiet invalidata d-Direttiva dwar il-Permessi ta' Residenza. Fl-interess tal-istat tad-dritt u ċ-ċarezza legali, din il-kwistjoni qiegħda tistenna li tiġi solvuta.

Fil-komunikazzjoni tagħha lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew f'Ottubru 2014 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Permessi ta' Residenza, il-Kummissjoni Ewropea pprevediet b'mod tentattiv evalwazzjoni tal-ħtieġa tal-emendar tad-Direttiva dwar il-Permessi ta' Residenza.[3]

## Opinjoni tal-FRA

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jadottaw miżuri li jħeġġu lill-vittmi ta' sfruttament sever tal-ħaddiema jirrapportaw – mingħajr riskju ta' tkeċċija – għand awtorità ta' monitoraġġ jew għand il-pulizija. Dan għandu jinkludi miżuri li jippermettu lill-Istati Membri jiggarantixxu, f'każ ta' ksur gravi tad-drittijiet tal-ħaddiem, permess ta' residenza, abbażi ta' termini legali ċari.*

*Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw is-suġġerimenti dwar kif iħeġġu lill-vittmi u lix-xhieda jirrapportaw reat mingħajr biża' li jiġu arrestati inkluż fil-punt 9 tal-gwida tal-FRA 2012 dwar "Apprehension of migrants in an irregular situation – fundamental rights considerations" (Apprensjoni tal-migranti f'sitwazzjoni irregolari – kunsiderazzjonijiet ta' drittijiet fundamentali).*

*L-istituzzjonijiet tal-UE huma mitlubin jikkunsidraw reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li kienu soġġetti għal azzjoni biex jiffaċilitaw l-immigrazzjoni irregolari, li jikkoperaw mal-awtoritajiet kompetenti. Id-drittijiet tal-individwi li jkunu protetti effettivament mit-traffikar skont l-Artikolu 5 tal-Karta kif ukoll id-drittijiet tal-vittmi tat-traffikar li jkollhom aċċess għall-ġustizzja skont l-Artikolu 47 tal-Karta jimponu obbligi inkondizzjonati fuq l-Istati Membri tal-UE li bl-ebda mod ma huma bbażati fuq il-kooperazzjoni tal-vittma mal-pulizija, l-appoġġ tal-investigazzjonijiet jew it-twettiq ta' servizzi oħrajn fl-interess pubbliku. Bidla bħal din teħtieġ ukoll adattament tal-kliem tal-Artikolu 11(6) tad-Direttiva Kontra t-Traffikar u tal-Artikolu 13(4) tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra min Iħaddem.*

3 Il-Kummissjoni Ewropea (2014a), *Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/81 dwar il-permess ta' residenza maħruġ liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni biex jiffaċilitaw l-immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw mal-awtoritajiet kompetenti*, COM(2014) 635 finali, Brussell, 17 ta' Ottubru 2014.

## Il-forniment tas-servizzi ta' appoġġ mmirati għall-vittmi

Hemm nuqqas ġenerali ta' sistemi tas-servizzi ta' appoġġ komprensivi għall-vittmi ta' forom severi tal-isfruttament tal-ħaddiema, u ħafna mis-servizzi eżistenti jeskludu gruppi partikolari. L-esperti jikkonfermaw li mhux il-vittmi kollha huma trattati bl-istess mod. Filwaqt li xi gruppi ta' vittmi jingħataw prijorità, oħrajn, bħal ma huma l-migranti f'sitwazzjoni irregolari, huma f'pożizzjoni żvantaġġjata fir-rigward tal-aċċess għal servizzi ta' appoġġ effettivi u l-protezzjoni fil-proċedimenti kriminali.

STUDJU TAL-KAŻ MAGĦŻUL MILL-FRA

### Aċċess għal servizzi ta' appoġġ effettivi

Migrant ta' pajjiż terz li ġej mill-Ewropa tal-Lvant ġie l-Belġju fl-2013 biex jaħdem fil-bini f'sitwazzjoni ta' residenza irregolari. Kien jaħdem sigħat twal u kien imħallas veru ftit. Bi ftit għarfien tal-lingwa lokali u l-istituzzjonijiet Belġjani, ma rrapportax lill-impjegatur tiegħu bil-biża' li jitlef l-impjieg u d-dħul tiegħu, u li jidħol fl-inkwiet mal-awtoritajiet minħabba l-istatus irregolari tiegħu. L-assistenti soċjali kienu konxji tas-sitwazzjoni tiegħu iżda minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità ma rrapportawx lill-pulizija mingħajr il-kunsens tiegħu. Madankollu, l-appoġġ għall-vittmi huwa disponibbli biss għall-vittmi rikonoxxuti tat-traffikar tal-bnedmin li jgħinu fl-investigazzjoni.

Skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar il-Vittmi, il-vittmi kollha għandhom dritt għall-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ skont il-ħtiġijiet tagħhom. Is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi għandhom joperaw fl-interess tal-vittma u għandhom ikunu kunfidenzjali u mingħajr ħlas. Jekk l-aċċess jiġi miċħud, l-Artikolu 47 tal-Karta jitlob li jkun hemm rimedju effettiv disponibbli għall-vittma.

Opinjoni tal-FRA

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li:*

- *kull vittma ta' sfruttamanet sever tal-ħaddiema għandha servizzi mmirati ta' appoġġ disponibbli għaliha, pereżempju bl-estensjoni tal-mandat ta' servizzi ta' appoġġ immirati lejn vittmi tat-traffikar sabiex jinkludu l-forniment ta' servizzi ta' appoġġ lill-vittmi ta' forom oħrajn ta' sfruttament sever tal-ħaddiema;*
- *mekkaniżmi għar-riferiment ta' vittmi lis-servizzi ta' appoġġ huma disponibbli għal vittmi ta' kull forma ta' sfruttament sever tal-ħaddiema;*
- *vittmi ta' sfruttament tal-ħaddiema mhumiex esklużi mis-servizzi ta' appoġġ bħala riżultat tal-istatus ta' residenza irregolari;*
- *servizzi ta' appoġġ huma aċċessibbli bl-istess mod għaċ-ċittadini tal-UE u dawk li mhumiex.*

## Tħeġġiġ u titjib tal-interventi ta' partijiet terzi

Kif indikaw l-esperti, minħabba n-nuqqas ta' rieda tal-vittmi ta' sfruttament sever tal-ħaddiema li jirrapportaw lil korpi ta' monitoraġġ jew lill-pulizija, kif ukoll in-nuqqas ta' investigazzjoni proattiva tal-pulizija, l-organizzazzjonijiet privati jew pubbliċi li jagħixxu b'appoġġ jew f'isem il-vittmi ta' sfruttament tal-ħaddiema, inklużi t-trade unions, jista' jkollhom funzjoni importanti fid-dawl tal-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra min Iħaddem. Madankollu, ir-riċerka turi li l-interventi ta' pajjiżi terzi u d-dikjarazzjonijiet kollettivi huma rari u spiss mhumiex permessi mil-liġi; fejn amissibbli, rari jiġu applikati f'każijiet ta' sfruttament tal-ħaddiema. L-intervent ta' parti terza jista' jkun ukoll mezz li jippermetti lill-qrati jittrattaw il-każijiet b'mod aktar effettiv fejn numru kbir ta' ħaddiema ikollhom status ta' vittma u drittijiet ta' vittma. Ir-riċerka tal-FRA ppubblikata fl-2012 fir-rapport *Access to justice in cases of discrimination in the EU* (Aċċess għall-ġustizzja f'każijiet ta' diskriminazzjoni fl-UE) enfasizzat il-vantaġġi tal-interventi ta' partijiet terzi. Ta' min jinnota li l-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar il-Ħaddiema Staġjonali jipprovdi għal partijiet terzi b'interess leġittimu għall-iżgurar tal-konformità mad-Direttiva biex jagħmlu lmenti jew jinvolvu proċeduri ċivili jew amministrattivi f'isem il-ħaddiema staġjonali.

Opinjoni tal-FRA

*Biex itejbu l-aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi kollha ta' sfruttament sever tal-ħaddiema, l-Istati Membri għandhom – fi ħdan u lil hinn mill-iskop tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra min Iħaddem – jippermettu lill-partijiet terzi, inkluż it-trade unions u l-assoċjazzjonijiet privati li jappoġġjaw lill-ħaddiema li ċċaqalqu ġewwa jew lejn l-UE, biex jagħixxu b'appoġġ għal jew f'isem il-vittmi.*

## L-għoti ta' kumpens għad-danni u ħlas b'lura lill-vittmi

Sabiex wieħed jifhem dak li huwa importanti għall-vittmi, l-għanijiet ekonomiċi tagħhom għandhom jittieħdu bis-serjetà. L-intervisti tal-esperti żvelaw li l-kumpens u l-ħlasijiet b'lura huma meqjusin bħala

partikolarment importanti u potenzjalment iħeġġu lil aktar vittmi jirrapportaw għand il-pulizija u jfittxu aċċess għall-ġustizzja. Madankollu, ir-riċerka turi li spiss ikun diffiċli ħafna għall-vittmi biex jiksbu kumpens mingħand it-trasgressuri, jekk xejn minħabba li kumpanija li aġixxiet bħala impjegatur tista' tippreferi tiddikjara insolvenza jew minħabba li l-individwi responsabbli jgħibu. Għalhekk, il-kumpens mit-trasgressuri għandu jkun imsaħħaħ minn fondi ta' kumpens mill-istat.

STUDJU TAL-KAŻ MAGĦŻUL MILL-FRA

## Kumpens għall-vittmi

Għadd ta' ċittadini Litwani ħadmu f'irziezet f'Lincolnshire fir-Renju Unit, reġjun magħruf sew għall-agrikoltura tiegħu. Kienu soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien ħżiena ħafna minn kap ta' klikka Latvjan, saħansitra kienu jgħixu f'barrakki tal-injam b'aċċess limitat għal faċilitajiet sanitarji u kuntatt limitat mad-dinja ta' barra. Kienu ġejjin minn familji ferm foqra. Is-sitwazzjoni kienet issorveljata mill-Gangmasters Licensing Authority (GLA). Minkejja dan, ma nġiebet ebda akkuża kriminali u ma kien hemm l-ebda kumpens għall-vittmi, minħabba li nstab li ma kinux traffikati u għalhekk ma kellhom l-ebda aċċess għall-ġustizzja jew għall-appoġġ permezz ta' Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Riferiment.

Madankollu, bħalissa l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-Kumpens (2004/80/KE) jipprovdi għal skemi ta' kumpens nazzjonali għall-benefiċċju tal-vittmi ta' reati vjolenti intenzjonati biss u b'hekk rari ħafna sejjer ikun ikopri każijiet ta' sfruttament sever tal-ħaddiema. B'reazzjoni għal dan in-nuqqas, l-Artikolu 17 tad-Direttiva kontra t-Traffikar jobbliga lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar ikollhom aċċess għall-iskemi eżistenti ta' kumpens mill-istat. Għall-kuntrarju, id-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra min Iħaddem ma tinkludi l-ebda dispożizzjoni simili. Madankollu, b'rabta mal-vittmi ta' reati, l-istati għandhom obbligu li jiżguraw li jkollhom aċċess għall-ġustizzja. Għalhekk vittmi ta' sfruttament sever tal-ħaddiema – fis-sens tal-Artikolu 9(1)(c) sa (e) tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra min Iħaddem – ma għandhomx ikunu trattati b'mod differenti mill-vittmi tat-traffikar.

L-Artikolu 16 tad-Direttiva tal-Vittmi jagħraf id-dritt tal-vittmi li tittiħdilhom matul il-proċedimenti kriminali deċiżjoni dwar il-kumpens mit-trasgressur. Filwaqt li l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tista' tippermetti xi eċċezzjonijiet, l-Artikolu 47 tal-Karta jitlob li ċ-ċaħda ta' qorti kriminali milli tiddeċiedi dwar talbiet ta' kumpens għandha tkun miftuħa għal reviżjoni minn qorti oħra.

Opinjoni tal-FRA

*L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jikkunsidraw l-emendar tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra min Iħaddem biex tinkludi dispożizzjoni simili għall-Artikolu 17 tad-Direttiva kontra t-Traffikar, skont liema l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi ta' traffikar tal-bnedmin ikollhom aċċess għall-iskemi eżistenti ta' kumpens mill-istat.*

*L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-qrati kriminali jieħdu deċiżjoni fuq it-talbiet kollha li jaqgħu taħt il-liġi ċivili ta' vittmi ta' sfruttament sever tal-ħaddiema, inklużi talbiet għal ħlasijiet b'lura, minflok ma jirreferu lill-vittmi għand qrati ċivili. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-possibbiltà li, fejn l-imħallfin ma jkollhomx esperjenza biex jieħdu deċiżjoni fuq it-talbiet li jaqgħu taħt il-liġi ċivili, dawn ikunu jistgħu jikkonsultaw mal-imħallfin tal-liġi ċivili minflok ma jirreferu lill-vittmi għal qrati ċivili.*

## Ħarsien tad-dritt tal-vittmi għal investigazzjonijiet effettivi tal-pulizija

Il-vittmi huma intitolati għal investigazzjonijiet profondi u effettivi li kapaċi jwasslu għall-identifikazzjoni u l-piena tat-trasgressuri. Sabiex tiġi evitata impunità mifruxa għal awturi ta' sfruttament sever tal-ħaddiema barranin, hemm bżonn li l-pulizija twieġeb għall-indikazzjonijiet ta' sfruttament tal-ħaddiema b'tali mod li ssegwi effettivament l-objettiv li tressaq it-trasgressuri quddiem il-ġustizzja u fl-istess ħin tkun sensittiva għad-drittijiet u s-sitwazzjoni prekarja tal-vittmi.

Ir-riċerka sabet li unitajiet speċifiċi tal-pulizija, imħarrġin u bl-esperjenza fil-qasam tat-traffikar kif ukoll tal-isfruttament sever tal-ħaddiema, aktarx li jwieġbu b'mod aktar effettiv mill-forza tal-pulizija ġenerali għal ħaddiema li jiċċaqalqu fi ħdan jew lejn l-UE f'sitwazzjonijiet ta' sfruttament. Unitajiet bħal dawn spiss ikunu iktar lesti li jittrattaw il-ħaddiema sfruttati bħala vittmi potenzjali ta' reati, anke f'każijiet ta' status ta' residenza irregolari. Filwaqt li unitajiet speċifiċi inkarigati bl-investigazzjoni ta' każijiet tat-traffikar jeżistu f'ħafna Stati Membri, unitajiet ta' pulizija li jittrattaw ukoll l-isfruttament sever tal-ħaddiema jeżistu fi Spanja u l-Belġju u dawn jistgħu jiġu kkunsidrati li qegħdin jipprovdu eżempji ta' prattiki promettenti.

Unitajiet speċifiċi tal-pulizija jkunu ta' benefiċċju partikolari f'każijiet li jeħtieġu kooperazzjoni transfruntiera tas-servizzi tal-pulizija. Spiss l-awtoritajiet

ta' aktar minn Stat Membru wieħed ikunu meħtieġa jintervjenu f'sitwazzjonijiet li jinvolvu s-sottokuntrattar, ħaddiema barranin ikkollokati, ħaddiema tal-aġenziji jew reklutaturi, jew meta vittmi jew xhieda rritornaw fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom qabel ma tkun ittieħdet id-dikjarazzjoni tagħhom. Filwaqt li l-esperti minn Spanja u l-Belġju saħqu fuq l-isfidi li jiġu affaċjati f'investigazzjonijiet transfruntiera, kien sorprendenti li kienu biss ftit l-esperti li kellhom esperjenza ta' dawn il-każijiet.

Opinjoni tal-FRA

*Bħala mezz għat-titjib tal-effettività tal-investigazzjonijiet tal-pulizija, l-Istati Membri tal-UE għandhom jivvalutaw il-possibbiltà li joħolqu unitajiet speċifiċi tal-pulizija u li jistabbilixxu rabtiet mill-qrib tal-kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ta' monitoraġġ, bħalma huma l-ispettorati tax-xogħol u l-pulizija finanzjarja.*

*Barra minn hekk, il-kooperazzjoni transfruntiera tal-aġenziji ta' infurzar tal-liġi għandhom jissaħħu u jinġebu għal-livell ta' kooperazzjoni li nkisbet f'oqsma oħrajn tal-kriminalità organizzata.*

# It-triq 'il quddiem

Sakemm ma jiġux intensifikati b'mod konsiderevoli l-isforzi għall-protezzjoni tal-istandards tax-xogħol, hemm riskju li dawn ikomplu jiddgħajfu. B'differenzi kbar fl-istandards tal-għajxien u ż-żieda fil-mobilità li jimbuttaw lill-ħaddiema biex jaċċettaw kundizzjonijiet tax-xogħol ta' standard inferjuri, il-kwistjoni ma tistax titħalla għas-swieq tax-xogħol globalizzati – teħtieġ monitoraġġ u kontroll riġidi, inkluż permezz ta' dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali għal ksur partikolarment sever.

*"Il-faqar u n-nuqqas ta' prosperità jipprovdu bażi fertili għall-isfruttament kriminali. [...] It-talba għal xogħol bl-irħis sejra tiżdied b'mod sinifkanti bħala riżultat ta' espansjoni mgħaġġla tal-bażi globali tal-konsumatur, u dan jirriżulta f'aktar sfruttament tal-ħaddiema f'industriji affettwati tradizzjonalment bħall-ospitalità, il-kostruzzjoni u s-servizzi tat-tindif. L-industriji li mhumiex tipikament assoċjati ma' dan il-fenomenu jistgħu jkunu fil-mira wkoll."*

*(Europol (2015),* Exploring tomorrow's organised crime (L-esplorazzjoni tal-kriminalità organizzata ta' għada), *The Hague, Europol. pġ. 26)*

Fl-aħħar nett, jeħtieġ li jiġu enfasizzati l-punti li ġejjin.

## It-tisħiħ tal-qafas legali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa

Huwa meħtieġ kunsens fil-livell tal-UE li jsostni li sfruttament sever tal-ħaddiema mhuwiex aċċettabbli u li l-ħaddiema kollha huma intitolati għal protezzjoni effettiva tad-drittijiet. Sal-lum, f'xi Stati Membri tal-UE, il-liġi kriminali tipproteġi biss liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi f'sitwazzjoni irregolari minn sfruttament sever. F'oħrajn, il-ħaddiema kollha huma protetti. Dawn id-diskrepanzi jirriflettu nuqqas ta' standards ċari u raġonevoli.

Dan in-nuqqas ta' konsensus jimpedixxi wkoll il-kooperazzjoni transfruntiera fost l-awtoritajiet ta' monitoraġġ u s-sistemi tal-ġustizzja kriminali f'każijiet li jinvolvu diversi Stati Membri, b'mod partikolari meta jkunu involuti aġenziji ta' reklutaġġ u tax-xogħol temporanju, il-kollokament ta' ħaddiema jew katini ta' sottokuntrattar, kif ukoll f'każijiet li fihom il-vittmi jew ix-xhieda imorru lura pajjiżhom qabel tittieħed id-dikjarazzjoni tagħhom. L-approssimazzjoni tal-bażi tal-liġi kriminali tal-kooperazzjoni turi kunsens normattiv u ssaħħaħ il-kooperazzjoni b'mod konsiderevoli. Għandhom jinstabu metodi oħrajn biex jiġi segwit l-eżempju tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra min Iħaddem fl-użu tal-Artikolu 83(2) tat-TFUE bħala bażi possibbli għat-twaqqif ta' regoli minimi li jiddefinixxu r-reati kriminali mal-implimentazzjoni ta' politiki soċjali.

## It-titjib tas-sistemi ta' monitoraġġ, tal-ispezzjonijiet u l-investigazzjonijiet fuq il-post tax-xogħol

Il-korpi ta' monitoraġġ li jeżerċitaw funzjoni superviżorja huma kruċjali. Ħafna Stati Membri tal-UE għandhom isaħħu b'mod konsiderevoli l-ispezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol. F'xi wħud, prattiki promettenti żiedu l-effettività tal-monitoraġġ jew tal-pulizija, xi drabi billi enfasizzaw fuq il-kooperazzjoni bejn l-ispettorati tax-xogħol u l-pulizija.

## Tħeġġiġ lill-vittmi sabiex jirrapportaw

Hemm bżonn li jsir ħafna iktar il-vittmi jkunu jistgħu u mħeġġin jirrapportaw sfruttament sever tal-ħaddiema lill-ispettorati tax-xogħol jew lill-pulizija. L-Istati Membri tal-UE jridu jagħmlu l-aċċess għall-ġustizzja kriminali għall-vittmi aktar attraenti u vijabbli. Ħlas b'lura u kumpens, ipprovduti fil-qafas tal-proċedimenti kriminali, huma biss fattur importanti.

Ir-riċerka tal-FRA turi l-bosta ostakli li l-vittmi jaffaċjaw meta jaċċessaw il-ġustizzja, iżda tiżvela wkoll prattiki promettenti mmirati biex iqajmu kuxjenza dwar id-drittijiet u jappoġġjaw lill-vittmi meta jiġu biex jitolbu d-drittijiet tagħhom. It-trade unions u atturi oħra ta' soċjetajiet ċivili huma dejjem aktar konxji tal-funzjonijiet importanti tagħhom f'dan ir-rigward.

## It-tisħiħ tal-ispeċjalizzazzjoni u l-kooperazzjoni transkonfinali fl-oqsma kollha tal-isfruttament sever tal-ħaddiema

Għandu jiġi rikonoxxut li n-netwerks kriminali – spiss f'forma ta' reklutaturi dubjużi u aġenziji tal-impjieg li joperaw f'livell transnazzjonali – huma dejjem aktar involuti fl-isfruttament sever tal-ħaddiema tal-migranti. Il-pulizija u l-prosekuturi pubbliċi jeħtieġu li jsaħħu l-isforzi biex iġibu t-trasgressuri quddiem il-ġustizzja. Xi Stati Membri tal-UE stabbilixxew unitajiet speċjalizzati tal-pulizija; dawn jiffaċilitaw ukoll il-kooperazzjoni transfruntiera u għandhom jiġu rikonoxxuti bħala prattika promettenti.

Għandhom jintużaw ukoll strutturi istituzzjonali maħluqin sabiex jiġġieldu kontra t-traffikar sabiex jitrattaw l-isfruttament sever tal-ħaddiema. L-oqfsa u l-proċeduri isitituzzjonali li jiffukaw biss fuq it-traffikar ma jagħtux attenzjoni biżżejjed lill-isfruttament sever tal-ħaddiema li ma jissodisfax id-definizzjoni tat-traffikar.

## Tisħiħ tal-prevenzjoni, inklużi sistemi ta' standards vinkolanti u markar affidabbli

L-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE huma mħeġġin jagħtu spinta lill-miżuri ta' prevenzjoni, inkluż bi proċeduri ta' akkwist pubbliku li jipprevjenu finanzjament involontarju ta' dawk li jisfruttaw u ta' sistemi aktar effettivi biex jiddefinixxu standards ta' xogħol diċenti u markar ta' prodotti u servizzi li jissodisfaw dawn l-istandards. Dan jippermetti lill-konsumaturi jivvalutaw aħjar ir-riskju tax-xiri ta' prodotti manifatturati f'kundizzjonijiet tax-xogħol b'abbużi severi.

## Il-ħolqien ta' ambjent b'tolleranza żero fir-rigward tal-isfruttament sever tal-ħaddiema fis-soċjetajiet

Ambjent ta' tolleranza żero għal sfruttament sever huwa l-bażi għad-difiża tad-drittijiet soċjali u d-dinjità tal-bniedem tal-ħaddiema kollha – elementi importanti tal-valuri li fuqhom hija msejsa l-UE. Il-politikanti, il-mezzi tax-xandir u oħrajn li leħinhom jinstema' fil-pubbliku jeħtieġ ikunu konxji tar-responsabbiltà li tiġi ma' dak il-privileġġ.




L-isfruttament tal-ħaddiem mhuwiex fenomenu marġinali jew iżolat. Iżda minkejja l-fatt li jidhru fil-ħajja ta' kuljum, l-isfruttament sever tal-ħaddiema u l-effetti negattivi tiegħu fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi u ċittadini tal-UE – bħala ħaddiema, iżda anke bħala konsumaturi – għadhom sal-lum ma jingħatawx wisq attenzjoni mir-riċerkaturi. Il-ħidma estensiva u r-riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni li twettqet mill-FRA hija l-ewwel waħda li ħarset b'mod komprensiv lejn diversi forom kriminali ta' sfruttament sever tal-ħaddiema li jiċċaqalqu minn Stat Membru tal-UE lejn ieħor jew minn pajjiż terz. Din ir-riċerka għandha l-għan li timla l-vojt fl-għarfien, sabiex b'hekk tisfida lill-ambjent attwali ta' aċċettazjoni impliċita tal-isfruttament sever tal-ħaddiema. Ir-rapport jidentifika fatturi ta' riskju li jikkontribwixxu għal sfruttament bħal dan u jiddiskuti mezz għat-titjib tas-sitwazzjoni u jixħet dawl fuq l-isfidi li jaffaċċjaw l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri sabiex id-dritt tal-ħaddiema li ċċaqalqu fi ħdan jew lejn l-UE għal kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti jsir realtà. Din ir-riċerka għandha l-għan li tappoġġjahom fil-prevenzjoni tal-isfruttament sever tal-ħaddiema, il-monitoraġġ tas-sitwazzjonijiet fejn iseħħ sfruttament sever tal-ħaddiema u d-dritt tal-vittmi li jkollhom aċċess għall-ġustizzja jsir realtà.

## Aktar informazzjoni:

Għar-rapport sħiħ tal-FRA dwar forom severi ta' sfruttar tal-ħaddiema – *Severe labour exploitation: workers moving within or into the European Union. States' obligations and victims' rights* (2015) – ara http://fra.europa.eu/en/publication/2015/severe-labour-exploitation-workers-moving-within-or-european-union

Ara wkoll pubblikazzjonijiet oħrajn tal-FRA f'dan il-qasam:

- FRA (2015), *Victims of crime in the EU: the extent and nature of support for victims*, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, http://fra.europa.eu/en/publication/2014/victims-crime-eu-extent-and-nature-support-victims (disponibbli bl-Ingliż); ara wkoll is-sommarju disponibbli fi 23 lingwa uffiċjali tal-UE, http://fra.europa.eu/en/publication/2015/victims-crime-eu-extent-and-nature-support-victims-summary;
- FRA (2015), *Legal entry channels to the EU for persons in need of international protection: a toolbox*, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, http://fra.europa.eu/en/publication/2015/legal-entry-channels-eu-persons-need-international-protection-toolbox (disponibbli bl-Ingliż);
- FRA (2014), *Criminalisation of migrants in an irregular situation and of persons engaging with them*, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, http://fra.europa.eu/en/publication/2014/criminalisation-migrants-irregular-situation-and-persons-engaging-them (disponibbli bl-Ingliż);
- FRA (2013), *Fundamental rights at Europe's southern sea borders*, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, http://fra.europa.eu/en/publication/2013/fundamental-rights-europes-southern-sea-borders (disponibbli bl-Ingliż); ara wkoll is-sommarju disponibbli f'diversi lingwi tal-UE, http://fra.europa.eu/en/publication/2013/fundamental-rights-europes-southern-sea-borders-summary;
- FRA (2011), *Migrants in an irregular situation employed in domestic work: Fundamental rights challenges for the European Union and its Member States*, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, http://fra.europa.eu/en/publication/2012/migrants-irregular-situation-employed-domestic-work-fundamental-rights-challenges (disponibbli bl-Ingliż, Franċiż u Ġermaniż).

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

**FRA – L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI**

Schwarzenbergplatz 11 – 1040 Vjenna – l-Awstrija
tel. +43 158030-0 – fax +43 158030-699
fra.europa.eu – info@fra.europa.eu
facebook.com/fundamentalrights
linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency
twitter.com/EURightsAgency

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2015
Ritratt: © FRA

Print: ISBN 978-92-9491-170-4, doi:10.2811/493105
PDF: ISBN 978-92-9491-156-8, doi:10.2811/97622

TK-06-15-979-MT-C (print); TK-06-15-979-MT-N (PDF)